

IL-MISSJUNARJU

NEWSPAPER POST | Ħarġa Nru: 121 | Marzu – Mejju 2019

MISSION FUND

# ĊENTRU TA' TALB FL-ETJOPJA

Il-Galilee Centre li tinsab f'Debre Zeit fl-Etjopja hija dar tal-irtiri mmexxija mill-Ġiżwiti u s-Sorijiet Franġiskani ta' Omna Marija. Il-ministeru tiegħi f'dan iċ-ċentru jikkonsisti f'żewġ ħidmiet. L-appostolat ewlieni tiegħi, hu li noffri rtiri u workshops lir-reliġjużi u s-saċerdoti tal-lokal kif ukoll lill-Insara ta' knejjes oħra. Noffri ukoll direzzjoni spiritwali lis-sorijiet, saċerdoti u lajċi. Bl-għajnuna ta' numru ta' qassisin u reliġjużi, aħna noffru rtiri fi tmiem il-ġimgħa (weekend retreats) lil ħafna studenti universitarji u żgħażagħ minn parroċċi differenti.

It-tieni ħidma tiegħi fil-Galilee Centre tinkludi l-amministrazzjoni taċ-ċentru, bil-għajnjna ta' tlett sorijiet. Dan ifisser li nieħu ħsieb il-ħaddiema tagħna u bħala apprezzament, nissussidjaw il-miżata tal-iskola t'uliedhom. Din it-tieni ħidma tiegħi tinvolvi wkoll xogħol ta' manutenzjoni taċ-ċentru. L-iskop tagħna huwa li noffru spazju ta' talb lil kull min jiġi jitlob hawn minn knejjes Insara differenti. Bħalissa qed ngħin biex insib fondi għal proġett ta' rinovazzjoni taċ-ċentru li jikkonsisti f'bini ta' blokk ta' tnax il-kamra biex nkunu nistgħu nlaħħqu mad-domandi ta' kull min jixtieq jagħmel użu min dan iċ-ċentru. Jiena nħossni grat ħafna lejn il-Mission Fund għad-donazzjonijiet regolari li nirċievi sabiex inkun nista' naqdi din il-missjoni. Għaldaqstant jiena nħeġġeġ lilkom il-qarrejja biex tkomplu tgħinu lil Mission Fund. Bit-talb u d-donazzjonijiet tagħkom, il-Mission Fund ikun jista' jgħin lil min qed naqdu f'isem Alla, fil-pajjiżi tat-Tielet Dinja. Għax kif jgħid is-Salm 127, "Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għalxejn jitħabtu l-bennejja". Inwiegħdkom li niftakar fikom u fl-għeżież tagħkom mejtin fit-talb u fil-Quddies tiegħi ta' kuljum. Itolbu 'l Alla u lil-Madonna biex jagħmluna strumenti tajba f'idejn Alla ħa nressqu ħafna nies lejn Alla.

> ***Bit-talb u d-donazzjonijiet tagħkom, il-Mission Fund ikun jista' jgħin lil min qed naqdu f'isem Alla***

***Fr Joseph Pullicino S.J.***

**MISSION FUND:** 500, Eureka Court, Blokk A, Flat 6, Triq il-Kbira, Mosta MST 1018
Ħinijiet tal-ftuħ: Tnejn sal-Ġimgħa 9.00 a.m. – 1.00 p.m.
**Tel:** (+356) 21413664
**E-mail:** info@missionfund.org.mt
**Website:** www.missionfund.org.mt
**Facebook:** www.facebook.com/missionfund.org.mt
**Reg No:** VO/0015

# L-Iran: Sa 10 snin ħabs għal min jik-konverti għall-Kristjaneżmu

*John Sammut*

Huwa stmat li madwar 215 miljun Kristjani f'pajjiżi differenti tad-dinja jiffaċċjaw persekuzzjoni minħabba r-reliġjon tagħhom. Fl-Iran li tikkonverti għall-Kristjaneżmu huwa kontra l-liġi u kull min jinqabaq jagħmel hekk jista' jeħel sa' għaxar snin ħabs. Dan għaliex li l-konverżjoni għall-Kristjaneżmu jitqies bħala theddida għas-sigurtà tal-pajjiż. Il-knejjes Kattoliċi huma mgħammra f'kameras ta' sorveljanza biex jiġi żgurat li ma jidħlux Musulmani fihom. B'hekk titnaqqas il-possibilità li xi Musulmani jikkonvertu għar-reliġjon Nisranija. It-tagħlim tar-reliġjon fl-iskejjel huwa limitat ħafna. Ġurnalist Iranjan, Sohrab Ahmani, ikkonverta għar-reliġjon Kattolika fl-2016 wara li kien ilu jgħix fl-Amerka għal diversi snin. Kieku baqa' jgħix fl-Iran, il-konverżjoni tiegħu ma kienetx tkun possibbli.



Il-popolazzjoni tal-Iran hija ta' madwar 82 miljun illi 99% minnhom huma Musulmani. In-numru tal-Insara huwa biss ta' madwar 800,000. Għalkemm l-Insara għandhom il-knejjes tagħhom, huma ma jistgħux jevanġelizzaw u l-anqas jista' ikollhom Bibbja f'lingwi oħra ħlief fil-lingwa tal-pajjiż. Il-kostituzzjoni tal-Iran tagħraf lil Islam Shiiti bħala r-reliġjon tal-istat filwaqt li tikkontrolla strettament ir-reliġjonijiet l-oħra kollha. L-Insara jiffaċċjaw ukoll nuqqas ta' drittijiet soċjali u l-possibbiltajiet ta' xogħol. Matul iż-żmien, il-Musulmani li jsiru Nsara bdew jingħataw sentenzi ta' ħabs aktar ħorox. F'Mejju tal-2017, erba' persuni li jipprofessaw ir-reliġjon Evanġelika ġew ikkundannati għal 10 snin ħabs kull wieħed għax in-qabdu jevanġelizzaw. Ħafna Nsara joffru d-dar tagħhom biex ikunu jistgħu jipprofessaw ir-reliġjon tagħhom fil-moħbi. Imma aġenti tas-sigurtà Iranjani ta' sikwiet jispezzjonaw djar privati għall-għarrieda. Fil-fatt ġie rrapurtat li matul ix-xahar ta' Diċembru li għadda madwar 150 persuni Nsara ġew arrestati f'darhom. Huwa maħsub li dan sar biex inaffar l-



Insara milli jiċċelebraw il-festa tal-Milied.

Fis-6 ta' Diċembru 2018, uffiċċjali daħlu fid-dar ta' Amir Taleipour ta' 39 sena u martu Mahnaz Harati ta' 36 sena u arrestawhom fil-preżenza ta' binthom ta' 7 snin. Huma għadhom miżmuma taħt arrest u mhux qed iħalluhom jikkomunikaw mal-qraba tagħhom. L-anqas ma tawhom aċċess għall-assistenza legali. Binthom qed jieħdu ħsiebha membri tal-familja tagħhom.

F'każ ieħor li ġara fit-2 ta' Diċembru 2018, ġew arrestati 4 persuni: Frazad Behzadi ta' 30 sena, Abdollah Yousefi ta' 34 sena u żewġt aħwa Shima Zanganeh ta' 27 sena u oħtha Shokoofeh Zanganeh ta' 30 sena. Waqt dan l-arrest ġew ħorox u brutali lejn il-priġunieri. L-Imħallef li qed jisma' l-kawża tagħhom ordna li jinħelsu fuq pleġġ enormi ta' $44,000 kull persuna – somma ta' flus li żgur mhux possibli li titħallas. Rigward iż-żewġ persuni l-oħra arrestati, Frazad u Abdollah, għadu mhux magħruf fejn jinsabu.

***Ħafna Nsara joffru d-dar tagħhom biex ikunu jistgħu jipprofessaw ir-reliġjon tagħhom fil-moħbi.***

Il-gvern Iranjan għandu wkoll il-mezz biex jiċċensura l-użu tal-internet biex b'hekk ikun jista' jikkontrolla l-attivisti. F'Jannar tal-2018, meta kienu saru xi protesti demokratiċi kontra l-gvern, kien ġie sospiż l-użu tal-internet kif ukoll kull mezz ta' komunikazzjoni tal-medja soċjali.

Il-libertà reliġjuża u d-drittijiet umani kienu l-qofol tal-laqgħa li l-Papa Franġisku kellu mal-



L-aħwa Shima Zanganeh ta' 27 sena u oħtha Shokoofeh Zanganeh ta' 30 sena.

ikkonfiskati xi kotba, apparat tat-telefon u kompjuters. Kien irrapurtat li waqt li dawn iż-żewġ nisa aħwa kienu qed jiġu nterrogati, huwa sfaw abbużati fiżikament. Huma qed jinżammu fil-ħabs ta' Sepipar li huwa magħruf għat-trattamenti

President Iranjan Hassan Rouhani f'Jannar tal-2016. L-Iran u s-Santa Sede għandhom relazzjonijiet diplomatiċi li ilhom fis-seħħ sa mill-1954.

# RIŻULTAT TAL-LOTTERIJA GRANDJUŻA

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1º | Premju Cruise Malta/Malta għal 2 persuni | DD 044616 | Catherine Attard (Żebbuġ) |
| 2º | Premju 2 Biljetti tal-Ajru għal Ċipru | HH 184780 | Pauline Bezzina (San Ġiljan) |
| 3º | Premju Televiżjoni 40” Full HD Smart | GG 150252 | Antida Muscat (Nadur) |
| 4º | Premju Ocean Washing Machine 7 kg | GG 158566 | Frances Pace (Msida) |
| 5º | Premju Weekend break għal 2 f’San Antonio Hotel | CC 013001 | S Bonello (Naxxar) |
| 6º | Premju Weekend break għal 2 fil-Preluna Hotel | GG 160922 | D Vella Bonanno (Baħar iċ- Cagħaq) |
| 7º | Premju Lampshade | FF 159153 | Joseph Cefai (Mellieħa) |
| 8º | Premju Set ta’ 12-il pożati tal-stainless steel | CC 043048 | Vicky Tanti (Mellieħa) |
| 9º | Premju Ceiling Light Fixture | EE 158426 | Godwin Caruana (Mellieħa) |
| 10º | Premju Brazzuletta gold plated ta’ Swarovski u važun urna | EE 193405 | P Saliba (Ħamrun) |
| 11º | Premju Pasta Night għal 2 fil-Victoria Hotel u važun orjentali | CC 073857 | Rose Sammut (Sta Venera) |
| 12º | Premju Dinner għal 2 fil-Grand Excelsior Hotel u važun taċ-ċeramika | EE 158788 | Therese Pace (Mellieħa) |
| 13º | Premju Ocean Vacuum Cleaner | AA 055642 | Christian Darmanin (Bormla) |
| 14º | Premju Ocean Microwave | DD 031359 | Mary Rose Vella (San Ġiljan) |
| 15º | Premju Dinner għal 2 fil-Blue Elephant Restaurant | EE 123718 | Salvina Grima (Bormla) |

## A T T I V I T A J I E T



### BUFFET BREAKFAST
#### F’SAN ANTONIO HOTEL, IL-QAWRA

Il-Ħamis 28 ta’ Frar 2019 u ieħor
Il-Ħamis 28 ta’ Marzu 2019
9.15 Quddiesa animata
10.15 Buffet Breakfast
11.15 Tombola
**Prezz: €12.00**



### MOTHER’S DAY LUNCH
#### FIL-PARADISE BAY HOTEL, ĊIRKEWWA

Il-Ħadd 5 ta’ Mejju 2019
11.00 Quddiesa animata
12.30 Lunch
Menu: *Varjetà ta’ antipasto, soppa, laħam, ħut, insalata u deżerta*
**Prezz: € 25.00**

**Trasport għal dawn l-attivitajiet jiġi provdut għal min jeħtieġ għall-prezz ta’ €5.00**
**Biex tirriserva post ċempel l-uffiċċju fuq 21413664 (mit-Tnejn sal-Ġimgħa)**
**jew lil Charles Decelis fuq 21575351 / 99885078**